

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Marzu 2013 (Każ Nru R 748/2012-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Husky CZ s.r.o. u Husky of Tostock Ltd.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Husky CZ s.r.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 207, 20.07.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2015 – Vita Phone vs UASI**

(Kawża T-318/13) (<sup>1</sup>)

**[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali LIFEDATA — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b), u Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Nuqqas ta' evalwazzjoni konkreta — Obbligu ta' motivazzjoni”]**

(2015/C 107/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Vita Phone GmbH (Mannheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Ruess u A. Doepner-Thiele, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Marten u G. Schneider, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Marzu 2013 (Każ R 1072/2012-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali LIFEDATA bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Vita Phone GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 226, 3.8.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Frar 2015 – Klaes vs UASI – Klaes Kunststoffe (Klaes)**

(Kawża T-453/13) (<sup>1</sup>)

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali Klaes — Trade mark Komunitarja figurattiva anterjuri Klaes — Raġuni relattiva għal rifjut — Riskju ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2015/C 107/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Horst Klaes GmbH & Co. KG (Bad Neuenahr-Ahrweiler, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Dix, avukat)